# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/647

## tal-25 ta' April 2016

## li jemenda għall-245 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet tal-ISIL (Da'esh) u tal-Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet tal-ISIL (Da'esh) u tal-Al-Qaida ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.

(2) Fl-20 ta' April 2016, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) ddeċieda li jżid ħames persuni fiżiċi mal-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi aġġornat skont dan.

(3) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' April 2016.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
*Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija*

---

([1]) ĠU L 139 29.5.2002, p. 9.

*ANNESS*

L-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi":

(a) "Turki Mubarak Abdullah Ahmad Al-Binali (magħruf ukoll bħala (a) Turki Mubarak Abdullah Al Binali, (b) Turki Mubarak al-Binali (c) Turki al-Benali, (d) Turki al-Binali, (e) Abu Human Bakr ibn Abd al-Aziz al-Athari, (f) Abu Bakr al-Athari, (g) Abu Hazm al-Salafi (h) Abu Hudhayfa al-Bahrayni, (i) Abu Khuzayma al-Mudari, (j) Abu Sufyan al-Sulami, (k) Abu Dergham, (l) Abu Human al-Athari). Data tat-twelid: 3.9.1984. Post tat-twelid: Al Muharraq, il-Bahrain. Nazzjonalità: Il-Bahrain. (ċittadinanza revokata f'Jannar 2015). Nru tal-passaport: (a) numru 2231616 tal-Passaport Bahraini maħruġ fit-2.1.2013 jiskadi fit-2.1.2023, (b) numru 1272611 tal-Passaport Bahraini ta' qabel, maħruġ fl-1.04.2003, (c) Numru tal-identità nazzjonali 840901356 Id-data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 20.4.2016."

(b) "Faysal Ahmad Bin Ali Al-Zahrani (magħruf ukoll bħala (a) Faisal Ahmed Ali Alzahrani, (b) Abu Sarah al-Saudi (c) Abu Sara Zahrani). Data tat-twelid: 19.1.1986. Nazzjonalità: Sawdi. Indirizz: Ir-Repubblika Għarbija Sirjana. Numru tal-Passaport: (a) K142736 (numru tal-passaport Sawdi maħruġ fl-14.7.2011 f'Al-Khafji, l-Arabja Sawdija), (b) G579315 (numru tal-passaport Sawdi). Id-data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 20.4.2016."

(c) "Tuah Febriwansyah (magħruf ukoll bħala (a) Tuah Febriwansyah bin Arif Hasrudin, (b) Tuwah Febriwansah (c) Muhammad Fachri (d) Muhammad Fachria (e) Muhammad Fachry). Data tat-twelid: 18.2.1968. Post tat-twelid: Jakarta, l-Indoneżja. Nazzjonalità: Indoneżjan. Indirizz: Jalan Baru LUK, Nru.1, RT 05/07, Kelurahan Bhakti Jaya, Sottodistrett ta' Setu, Distrett ta' Pamulang, Tangerang Selatan, Provinċja ta' Banten, l-Indoneżja. numru tal-karta tal-identità nazzjonali Indoneżjana 09.5004.180268.0074. Id-data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 20.4.2016."

(d) "Husayn Juaythini (magħruf ukoll bħala (a) Hussein Mohammed Hussein Aljeithni, (b) Husayn Muhammad al-Juaythini (c) Husayn Muhammad Husayn al-Juaythini d) Husayn Muhamad Husayn al-Juaythini (e) Husayn Muhammad Husayn Juaythini (f) Abu Muath al-Juaitni). Data tat-twelid: 3.5.1977. Post tat-twelid: Kamp tar-Refuġjati Nuseirat, l-Istrixxa ta' Gaża, it-Territorji Palestinjani. Nazzjonalità: Palestinjan. Indirizz: L-Istrixxa ta' Gaza, Territorji Palestinjani. Nru tal-passaport: 0363464 (maħruġ mill-Awtorità Palestinjana). Id-data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 20.4.2016."

(e) "Muhammad Sholeh Ibrahim (magħruf ukoll bħala (a) Mohammad Sholeh Ibrahim, (b) Muhammad Sholeh Ibrohim (c) Muhammad Soleh Ibrahim (d) Sholeh Ibrahim (e) Muh Sholeh Ibrahim). Data tat-twelid: Settembru 1958. Post tat-twelid: Demak, l-Indoneżja. Nazzjonalità: Indoneżjan. Id-data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 20.4.2016."